# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 15/2014**

Il-Pulizija

vs

**Carmelo Micallef**

iben Carlo, imwieled Pieta', fit-3 ta' Ottubru, 1970, detentur tal-karta tal-identita' numru 427570(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Carmelo Micallef quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fl-1 ta' Mejju, 2013, bejn id-9.00am u l-10.15 am waqt li kien fl-inħawi tas-Salib L/O Rabat, talli kkonfoffa, jew ittanta jew għen, ta' pariri jew flus lill xi ħadd ieħor sabiex jikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew biex jikser xi restrizzjoni jew ħtieġa mposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti, ikun ħati ta' reat taħt dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' Taqsima 2 tar-regolament 27.1.(d).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta’ Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 27(1)(d) ta’ l-Avviż Legali 79 tal-2006 tal-Liġijiet ta’ Malta(L.S.504.71), sabet lill-istess Carmelo Micallef ħati skont l-akkuża dettotta kontra tiegħu u għaldaqstant ikkundannatu multa ta’ elfejn euro (€2,000).

Rat ir-rikors tal-appellanti Fabio Psaila minnu ppreżentat fis-17 ta’ Jannar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha ***tirrevoka*** s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dott. Antony Vella, datata tmienja (8) ta’ Jannar elfejn u erbatax (2014) fejn sabet lill-esponent ħati ta’ l-akkuża kif detotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' elfejn mitt Euro (€ 2000) u ***tilliberah*** minn kull piena u ħtija skond il-liġi u f'każ li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. ILLI l-ewwel Onorabbili Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi prodotti;

2. ILLI l-piena nflitta hija esaġerata.

(1) ILLI l-ewwel Onorabbili Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi apprezzament żbaljat tal-provi;

ILLI jiġi umilment rilevat fl-ewwel lok illi fl-akkuża ma hemm l-ebda referenza għall-Kapitolu tal-liġi li għalih allegatament l-esponenti ikkonfoffa, għen, jew ta’ pariri sabiex jinkisru regolamenti jew restrizzjonijiet imposti mill-istess liġi u għalhekk in mankanza ta’ dan ma setgħatx tinstab ħtija.

ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-akkuża odjerna temerġi minn Artikolu 27 (1) (d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.71 li tgħid testwalment :

*li tikkonfoffa jew tittanta, jew tgħin, tħajjar, tagħti pariri jew flus lil xi ħaddieħor biex jikser xi disposizzjonijiet bħal dawk (inkluża ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti,*

ILLI għalhekk l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma li tgħin, tħajjar, tagħti pariri jew flus sabiex tinkiser disposizzjoni, restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn dawn ir-regolamenti;

ILLI għalhekk sabiex tinstab ħtija ried jiġi pprovat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fl-ewwel lok, l-esponenti għen, ħajjar, ta' pariri jew flus u li fit-tieni lok inkiser xi disposizzjoni, restrizzjoni jew ħtieġa mposta mir-regolamenti msemmija u fit-tielet lok li hemm ness bejn min għen, ħajjar jew ta' pariri u l-persuna li allegatament kisret ir-regolamenti;

ILLI mill-affidaivits prodotti mill-uffiċjali tal-pulizija u l-unika xhieda prodotti, jirriżulta biss[1] testwalment *'peress li ndunajna li fil-qrib kien hemm xi kaċċaturi li kienu għall-kaċċa waqt staġun magħluq'* . Ma hemm l-ebda ness bejn min allegatament kien qiegħed għall-kaċċa u jekk verament kienx hemm terzi li kienu qegħdin għall-kaċċa u l-imputat u li kien hemm xi ftehim / komunikazzjoni bejnithom sabiex jitwettaq reat. Irriżulta meta kontro-eżaminati illi ħadd ma tressaq il-Qorti akkużat illi fl-isess ħin u lok kiser xi regolament tal-liġi *de quo* u għalhekk la l-liġi speċifikatament tgħid *'tikser'* u mhux tittenta tikser, la l-ksur ma rriżultax lanqas ir-reat ma jista jirriżulta.

ILLI f' dan il-kuntest jinsab mgħallem *''A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence'.*[2]

---

[1] Ara affidavit PC 691

[2] Noti Professur Mamo l-ewwel parti a pag 124

ILLI meta kontro-eżaminati l-uffiċjali tal-korp tal-pulizija qalu li kien hemm diversi nies xi sitta (6) jitkellmu fuq ir-radju u huma ma identifikaw lil ħadd u waslu għall-imputat għaliex issemma l-laqam ta' 'l-ilma' meta rriżulta mid-deposizzjoni ta' l-esponenti illi l-familja kollha tiegħu li għandhom ir-raba fl-akwati u huma gabillotti ilkoll għandhom dak il-laqam. Irriżulta ukoll mid-deposizzjoni tal-esponenti illi l-lok kollu fejn aċċedew il-pulizija huwa magħruf bħala ta' l-ilma. Di piu irriżulta illi l-esponenti uża r-radju msemmi sabiex jikkomunika ma ħuħ meta jkun qed isaqqi biex jitfilu / jixgħellu l-pompi li qiegħdin fil-bogħod. Irriżulta ukoll mill-istess deposizzjoni illi l-posizzjoni fejn kien l-esponenti ma ttiħx vista libera u għalhekk kien impossibbli li jara dak li kien qed jiġri tant hu hekk illi jirriżulta mill-affidvits ta' l-uffiċjali tal-pulizija li kien hemm terzi li nformaw lill-esponenti li kienu sejrin il-pulizija ħdejh għaliex ovvjament l-esponenti kellu l-vista ostakolata. Dan peress illi l-lok fejn kien l-esponenti jaħsel il-karozza huwa mdawwar b' siġar għoljin. Għalhekk huwa impossibbli li l-esponenti kien qed jinforma lil terzi bil-movimenti tal-pulizija. Aktar minn hekk irriżulta ukoll ulterjorment illi l-armi tal-esponenti kienu kollha d-dar tar-residenza tiegħu u għalhekk ma kellux għalfejn joqogħod jinkwieta fuq il-movimenti ta' l-uffiċjali tal-korp tal-pulizija.

ILLI aktar minn hekk *dato non concesso* għaliex l-esponenti jiċħad assolutament illi qal dan il-kliem li fuqu straħet unikament l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex sabet ħtija, ossija l-parti mill-affidavit ta' PC 691 meta allegatament jirrapporta x' qallu l-esponenti hija inammissibbli stante li ma jirriżultax illi l-esponenti ġie mgħarraf bid-drittijiet tiegħu u ingħata t-twissija skond il-liġi għalhekk din il-parti għandha mhux kif għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti tiġi skartata.

ILLI għalhekk in vista' ta' dak su-espost, l-esponenti ma kellux jinstab ħati ta' l-akkuża kif dedotta fil-konfront tiegħu.

(2) ILLI il-piena nflitta hija esaġerata stante illi l-appellant għandu fedina penali netta. Dana meta il-massimu tal-piena kontemplata fil-liġi hija ta' € 2,500 u meta anke min jikser xi disposizzjoni tar-reġolamenti mertu ta' dan l-appell ma jiġix mill-qrati nostrali mmultat ammont

daqstant qawwi meta l-minimu kontemplat mil-liġi huwa ta' € 500. Għalhekk għandha tinżamm ċerta livell ta' proporzjonalita u l-piena nflitta tirrifletti l-gravita' tar-reat imwettaq.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża hija waħda sommarja u din il-Qorti kellha terġa tisma' x-xhieda mill-ġdid peress li x-xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti ma kinitx rekordjata jew traskritta.

L-ewwel aggravju li qed jressaq l-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-provi u bħala l-ewwel punt jirrileva lli peress li ma hemmx indikazzjoni taħt liema kapitolu tal-liġi qed jiġi akkużat fiċ-ċitazzjonil-appellant, l-Qorti ma setgħetx issib ħtija.

Illi jekk wieħed jifli l-Artikolu 360(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta x'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni, din tgħid is-segwenti:

2) *Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Għaldaqstant il-liġi hija ċara u il-kapitolu tal-liġi mhuwiex rekwiżit fiċ-ċitazzjoni.

Il- punt l-ieħor mressaq mill-appellant huwa dwar l-elementi msemmijin fir- Regolament 27 (1) (d) tal-L.S.549.42 li jgħid is-segwenti:

'*tikkonfoffa* **jew** *tittanta,* **jew** *tgħin, tħajjar, tagħti pariri* **jew** *flus lil xi ħaddieħor biex jikser xi disposizzjonijiet bħal dawk (inkluża ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti),* **jew** *biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti'.*

Jekk waħda minn dawn l-elementi tiġi pruvata huwa biżżejjed biex l-appellant jinstab ħati taħt dan ir-regolament.

Illi peress li kemm fl-affidavit u fix-xhieda tagħhom mogħtija quddiem din l-Onorabbli Qorti, PC 497 u PC 691 jiddikjaraw li l-appellant ma kienux infurmawh dwar d-dritt li jista' ikellem avukat u d-dritt li jista' ma jirrispondix din il-Qorti mhux ser tagħti każ dik il-parti tal-affidavit tagħhom fejn l-akkużat ammetta magħhom li kien qed juża r-Radju biex javża lil sħabu kaċċiaturi bil-preżenza tal-Pulizija.

Illi l-bqija tal-affidavits (folios 3-7) u x-xhieda ta' PC 497 u PC 691(Folios 23-36) huma validi u dettaljati li wieħed jista' jasal għal identifikazzjoni tal-appellant u għal mod ta' kif kien qed jikkonfoffa mal-kaċċiaturi l-oħra biex ma jinqabdux jikkaċċaw matul l-istaġun magħluq. Kien hemm oħrajn li kienu qegħdin jinfurmaw fejn kienu l-Pulizija pero' 'Tal-ilma' kien qed litteralment jara kull pass li jagħmlu l-Pulizija bħal '*niżlu minn ġol-vettura, qegħdin jittrombjaw*…' Dawn huma l-passi kollha li l-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu biex jippruvaw jaqbdu l-kaċċiaturi filwaqt li bl-informazzjoni li kien qed jagħti l-appellant minn fuq ir-radju beda jtelifhom f'xogħolhom.

Illi għalkemm kienu qed jużaw laqmijiet fuq ir-radju meta ġie mistoqsi mill-Pulizija jekk huwiex magħruf bil-laqam 'tal-Ilma' l-appellant irrisponda li 'iva'.

Illi huwa ċar kemm mill-affidavits u kif ukoll mix-xhieda ta' PC 497 u PC 691 li kien hemm konfoffa sħiħa għaddejja bejn l-appellant u l-kaċċiaturi l-oħra biex ma jinqabdux jikkaċċaw mill-Pulizija fi staġun magħluq. Il-laqam tal-appellant huwa dak l-iktar wieħed frekwenti u r-radju li kien qed juża biex jinfurmhom b' kull pass li jagħmlu l-Pulizija, sabuh il-Pulizija fuq iċ-ċint u kien qiegħed mixgħul fuq Channel 5, cioe' l-istazzjon li kienu qed jisimgħu l-Pulizija biex jippruvaw jaqbdu fejn kienu qegħdin il-kaċċiaturi li kienu qed jikkaċċjaw barra

l-istaġun. Sħab l-appellant bdew jinfurmawh meta ma setax jara lil Pulizija hu għax kienu daħħlu fl-isqaq tiegħu tant li fl-affidavit tiegħu PC 691 jikteb li bdew jgħidulu 'Tal-ilma, tal-ilma, tal-ilma, l-Pulizija deħlin mill-isqaq tiegħek għal fuqek eżatt'.(folio 7).

Illi nkwantu għal piena din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant għandu fedina penali kważi netta u  għaldaqstant ser ikun hemm tnaqqis fil-piena.

Għaldaqstant, il-Qorti tichad l-appell ta' Carmelo Micallef u tikkonferma s-sentenza appellata rigwardanti l-meritu. Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt euro (€1500).